


# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

MAGISTRAT
**Dr. Victor George Axiak LL.D. Dip. Tax**

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2020

**Il-Pulizija (Spettur Roxanne Tabone)**

**vs**

**Stefan Muscat (K.I. Nru. 144001L)**

**Il-Qorti,**

1. Rat l-akkuzi dedotti kontra Stefan Muscat ta' 19-il sena, iben Mark u Rosalyn xebba Grech, imwieled Pieta' nhar l-10 ta' April 2001 u residenti Binja Hamrija, Flat 3, Triq il-Hamrija, Naxxar jew My dream, 141, Daffodil Appartments, Triq it-Turisti, Qawra u detentur tal-karta tal-identita numru 144001L, li gie akkuzat illi nhar is-27 ta' Lulju 2020 u fil-jiem ta' qabel gewwa l-isptar Mater Dei, l-Imsida u f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

    - Naqas milli jhares xi wahda, w/jew aktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dr.Audrey Demicoli.LL.D b'digriet datat 09 ta' Gunju 2020 u li permezz tieghu l-istess Stefan Muscat kien inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet;

- Mingħajr skuża raġonevoli kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'ordni taħt l-artikolu Kap 9 Art 412C (11).

2. Rat li l-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-minorenni LC u ommha ATA billi jigu applikati l-provvedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

3. Rat li l-Qorti ġiet ukoll gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, jigu applikati l-provedimenti tal-Artikoli 382A u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Rat li finalment il-Qorti ġiet gentilment mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 09 ta' Gunju 2020 u tordna l-arrest mill-gdid ta' Stefan Muscat.

5. Rat l-atti kollha tal-kawza flimkien mad-dokumenti kollha esebiti.

6. Semghet ix-xhiedha in eżami u in kontroeżami ta' Dr. Eunice Grech Fiorini (bhala Direttur u Registratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali), WPC 337 Eunice Duncan, Rebecca Bajada, Anthony Bonnici, Martha Cutajar Penza, Jacqueline Zammit, l-minorreni LC (li xehdet permezz tal-*video conferencing*) u ommha ATA.

**Ikkunsidrat**

7. Illi dan il-kaz jittratta ksur ta' kundizzjonijiet imposti fuq l-imputat b'digriet ta' din il-Qorti (presjeduta mill-Onor. Magistrat Dr. Audrey Demicoli) moghti fid-9 ta' Gunju 2020 permezz ta' liema digriet il-Qorti kienet akkordat il-beneficcju tal-helsien mill-arrest lill-istess imputat. Ghal dan huwa ghamel tajjeb billi ddepożita fir-Registru s-somma ta' elf euro (€1,000) oltre garanzija personali ta' sitt elef euro (€5,000).

8. Illi dan il-kaz jitratta ukoll ksur ta' kundizzjoni imposta fuq l-imputat b'Ordni ta' Protezzjoni ta' din il-Qorti (presjeduta mill-Onor. Magistrat Dr. Audrey Demicoli) mahruga ai termini tal-Art. 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fid-9 ta' Gunju 2020 permezz ta' liema Ordni l-imputat kien gie *inter alia* pprojbit milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-minorreni LC u ta' ommha ATA u milli jikkuntattjahom.

9. Illi r-retroxena tal-kaz fil-qosor hafna hija kif gej:

    - L-imputat li ghandu 19 il-sena u l-minorenni LC (li tiġi bint il-*parte civile* l-ohra) ilhom ghal xi żmien f'relazzjoni intima.

- Il-minorenni LC inqabdet tqila minn din ir-relazzjoni.
- L-imputat tressaq quddiem din il-Qorti diversement presjeduta fuq diversi akkużi inkluż korruzzjoni tal-minorenni LC u akkużi ta' vjolenza kontra l-istess minorenni. L-istess Qorti fid-9 ta' Gunju 2020 tat il-beneficcju tal-helsien mill-arrest lill-imputat taht numru ta' kundizzjonijiet fosthom illi ma' javvicinax xhiedha tal-prosekuzzjoni u kif ukoll harget Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tieghu a favur il-minorenni LC u ommha ATA bil-kundizzjoni *inter alia* illi ma' javvicinax jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-minorreni LC u ta' ommha ATA jew jikkuntattjahom.
- Il-Gimgha 24 ta' Lulju 2020, ATA ossia' omm il-minorenni LC dahlet mat-tifla taghha LC l-Isptar Mater Dei peress illi din kienet waslet biex twelled. Hdejn LC kien hemm l-imputat. Omm LC iddeċidiet li tkun hi li toqghod mat-tifla taghha waqt il-hlas. Sussegwentement minn dakinhar filghaxija sat-Tnejn 27 ta' Lulju 2020 huwa raqad ma' LC ġewwa l-Isptar.
- Il-pjan kemm tal-imputat u kemm tal-minuri LC kien illi dawn itellghu t-tarbija flimkien fil-post fejn jghix l-imputat. F'dan l-istess post kienu diġà nxtraw u tpoġġew l-affarijiet neċessarji tat-trabi.
- Nhar it-Tnejn 27 ta' Lulju 2020 ATA ghamlet rapport ġewwa l-Ghassa tal-Pulizija (Qawra) minhabba ksur tal-Ordni ta' Protezzjoni min-naha tal-imputat.

10. Illi f'dan il-kaz tressqu diversi xhiedha tal-Prosekuzzjoni, kważi kollha kemm huma biex jixhdu dwar id-dinamika tar-relazzjoni bejn LC u l-imputat, bejn LC u ommha u bejniethom kollha, kif ukoll dwar is-sapport soċjali li l-awtoritajiet differenti ilhom jaghtu ghal xi żmien lill-istess LC u lill-ommha u dwar ir-retroxena ta' dan il-kaz.

11. Illi fi stadju ferm tardiv u wara li kienu nstemghu hafna mix-xhiedha tal-prosekuzzjoni, d-difiza vverbalizzat li hija ma' kienetx qed tikkuntesta li l-imputat kien fil-presenza tal-minuri LC fiz-zmien indikati fl-akkuzi.

12. Illi l-Qorti kellha ukoll opportunita' li tisma', permezz tal-*video conferencing*, lill-minorenni LC. Minn din ix-xhiedha jirrizulta bla ebda dubbju illi l-minuri stess xtaqet li l-imputat ikun preżenti hdejha waqt u wara l-hlas u fuq kollox irriżulta ukoll illi hija kienet ippjanat mal-istess imputat illi jtellghu l-wild taghhom flimkien fil-post fejn jirrisjedi l-istess imputat.

## Ikkunsidrat ulterjorment

13. Illi l-Qorti ghandha ma’ wiċċha kaz fejn ic-cirkostanzi huma delikati però idejha huma marbutin fejn tidhol il-piena f’kaz li jinstab htija.

14. Illi dak li kellu jkun avveniment li jġib ferh kbir ghal koppja, t-twelid ta’ tarbija, sfortunatament indirettament gab mieghu konsegwenzi kbar illi jistghu mhux biss ihallu effett hazin fuq il-missier u l-omm, iżda anke fuq l-istess tarbija. Tabilhaqq però illi c-cirkostanzi ta’ dan it-twelid m’huma xejn tas-soltu. Ibda biex, l-omm hija minorenni mentri l-missier ossia’ l-imputat ghandu dsatax il-sena. Izjed minn hekk, l-imputat qieghed taht ordni stretta tal-Qorti li ma’ javvicinax lill-minorenni.

15. Illi din il-Qorti diversement presjeduta kienet taf x’qed taghmel meta ftit inqas minn xahrejn ilu rabtet lill-imputat u pprojbietu milli javvicina jew jikkuntattja lill-minorenni LC u lill-ommha ATA. Il-kundizzjonijiet tad-digriet tal-helsien mill-arrest u tal-Ordni ta’ Protezzjoni kienu intiżi b’mod speċifiku sabiex *inter alia* (i) ikun zgurat illi sakemm tinstema’ l-kawza kontrih, l-imputat ma’ jikkommetiex “delitt iehor ta’ natura volontarja”, (ii) ma’ javvicinax xhieda tal-Prosekuzzjoni, u (iii) ikunu protetti l-minorenni LC u ommha ATA.

16. Illi fit-trattazzjoni tieghu l-abbli avukat tad-difiza insista illi ghalkemm mad-daqqa t’ghajn kien hemm ksur ta’ dawn il-kundizzjonijiet madanakollu l-Qorti ma’ kellhiex issib htija ghaliex l-imputat ma’ kellux il-*mens rea* ossia’ l-intenzjoni illi jikser tali kundizzjonijiet meta qaghad mal-minorreni LC bejn l-24 u s-27 ta’ Lulju 2020. Il-Qorti ma’ taqbel xejn ma’ dan l-argument. Kif jghid Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law, 1958 , Vol. I , p. 60]:

“*It might seem ... that rule thus rendering the existence of a complex mental element necessary to create this legal liability would, usually, cause the prosecutor much difficulty in obtaining evidence of it. For, to borrow the saying of a medieval judge, which Sir Frederick Pollock has made familiar to modern readers, "the thought of man is not triable, for the Devil himself knoweth not the thought of man". But this difficulty seldom arises in practice: for in most cases the law regards the criminal act itself as sufficient 'prima facie' proof of the existence of criminal intent... In England, the settled principle in this matter is that "Every sane adult is presumed to intend the natural or necessary consequences of his wilful conduct". The law treats as intentional all consequences which the actor foresees as the probable results of his wrongful act. The known consequences of an illegal act are imputed by the law as intentional. No man who knows that certain results will flow from his illegal act will be suffered to say that he did not intend them... For a man is not ordinarily said to intend any consequences of his act which he does not desire but regrets*

*to have run the risk of. Yet in law it is clear that the word 'Intention'... covers all consequences whatever which the doer of an act foresees as likely to result from it, whether he does the act with an actual desire of producing them, or only in recklessness as to whether they ensue or not*".

17. Illi mill-provi jirrizulta car illi l-imputat kien jaf x'inhu jaghmel meta ghal numru ta' granet huwa qaghad l-Isptar fil-presenza tal-minorenni. Kien jaf jew messu kien jaf illi b'dak li kien qieghed jaghmel huwa kien ser jikser il-kundizzjonijiet tad-digriet tal-helsien mill-arrest u l-Ordni ta' Protezzjoni mahruga mill-Qorti. Dawn il-kundizzjonijiet kienu gew spjegati lilu bi kliem car mill-Qorti stess u l-imputat kien jaf li anqas biss seta' jersaq lejn l-istess minorenni ahseb u ara kemm joqghod magenba ghal diversi granet.

18. Illi mill-provi rrizulta sahansitra illi anke waqt li l-imputat kien fil-presenza tal-minorenni ġewwa l-Isptar, kienet ingibditlu l-attenzjoni illi huwa kien qieghed jikser Ordni tal-Qorti.

19. Illi jekk l-imputat hass li huwa kellu jkun preżenti ghat-twelid tat-tarbija tieghu (u jibqa' mal-minorenni ġhal tlett ijiem ġewwa l-Isptar) huwa kellu jirrikorri ghall-mezzi li ttih il-ligi sabiex jaghmel dan billi jitlob l-awtorizzazzjoni mill-Qorti u mhux jiddeċiedi minn rajh li jaghmel dak li din il-Qorti kienet wissietu biex ma' jaghmilx, ftit inqas minn xahrejn qabel. Lanqas ma' jista jinghad illi t-twelid tat-tarbija tieghu kienet "skuża ragjonevoli" sabiex l-imputat jikser l-Ordni ta' Protezzjoni u dan ghaliex kif inghad l-imputat kellu jirrikorri ghal mezzi legali sabiex jipprova ikun preżenti ghal dan l-avveniment.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

20. Illi ghalkemm mhux specifikat fic-citazzjoni, mill-assjem tal-provi u mit-trattazzjoni hareg illi apparti l-ksur tal-Ordni ta' Protezzjoni, l-Prosekuzzjoni qed tallega l-ksur ukoll ta' zewg kundizzjonijiet partikolari tad-digriet tal-helsien mill-arrest: (i) il-kundizzjoni li ma' javvicinax xhieda tal-Prosekuzzjoni u, (ii) il-kundizzjoni li ma' jaghmilx delitti ohra ta' natura volontarja.

21. Illi l-Prosekuzzjoni ma' ndikatx l-artikolu tal-ligi li tahtu kienet qed tintavola l-akkuza tal-ksur tal-kundizzjonijiet tad-digriet tal-helsien mill-arrest. Madanakollu d-dicitura tal-akkuza u speċjalment il-fatt li l-Prosekuzzjoni ghamlet talba speċifika sabiex f'kaz ta' htija din il-Qorti tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest in kwistjoni u tordna l-arrest mill-gdid tal-imputat ma' thalli l-ebda dubbju illi l-Prosekuzzjoni qeghda tinvoka l-Artikolu 579(2) u (3) tal-Kap. 9 u mhux l-Artikolu 579(1). Dan ghaliex huwa biss taht l-Artikolu 579(3) – li huwa marbut mal-Artikolu 579(2) – illi l-

Prosekuzzjoni tista' "*fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna*".

22. Illi jiġi osservat ukoll li fil-kaz ta' citazzjoni mahruga mill-Pulizija Ezekuttiva, din tirrikjedi biss li jkun fiha l-fatti ta' l-akkuza (art. 360 (2) ) u dan bl-istess mod bhalma meta tinqara l-akkuza fil-qorti mill-Prosekuzzjoni din l-akkuza jehtieg li jkun fiha l-fatt tar-reat (art. 374 (i) (i) u art. 375 ( c ). Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b' mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, b' mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb. Huwa car ghal din il-Qorti illi c-citazzjoni tissodisfa dawn ir-rekwiziti.

23. Illi jirrizulta ukoll b'mod car lil din il-Qorti illi l-imputat kiser il-kundizzjonijiet kemm tal-Ordni tal-Protezzjoni u kemm tad-digriet tal-helsien mill-arrest.

24. Illi l-piena applikabbli ghall-ksur ta' kundizzjoni ta' Ordni ta' Protezzjoni mahruga taht l-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hija multa ta' sebat elef euro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

25. Illi l-piena applikabbli ghall-ksur tal-kundizzjonijiet ta' digriet ta' helsien mill-arrest taht l-Art. 579(2) tal-Kap. 9 hija multa jew priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija **flimkien** mal-konfiska tal-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija favur il-Gvern ta' Malta.

26. Illi dan l-istess artikolu (Art. 579(2)) ma' jaghtix ghazla lill-Qorti f'dak li ghandu x'jaqsam il-konfiska tad-depozitu u tal-garanzija, fil-kaz li ssib htija, mentri l-Art. 579(1) jaghti din l-ghazla. Ta' min jghid illi l-Qorti kienet tnehhitilha din l-ghazla wara l-emenda mdahhla fil-ligi permezz tal-Att Nru. VIII tal-2015 liema emenda ma' kienetx gietx dibattuta fl-istadju tal-Kumitat Permanenti Għall-Kunsiderazzjoni Ta' Abbozzi Ta' Liġi u ghaddiet nem. con. u dan b'kuntrast ma' dak li kien sehh fl-istess stadju meta ddahhal fis-sehh l-Att Nru. XI tal-2009 meta dakinhar il-membri kienu lkoll qablu dwar il-fatt li l-Qorti ghandha tinghata din id-diskrezzjoni.

27. Illi fir-rigward tal-konfiska tal-ammont garantit, total ta' sitt elef euro (€6,000), il-Qorti ghalhekk m'ghandhiex triq ohra hlief li tordna l-konfiska tal-ammont indikat. Fir-rigward ta' piena il-Qorti però fic-cirkostanzi m'hijiex ser timponi piena karċerarja u fir-rigward ta' multa sejra tinfliggi multa ferm inqas mill-minimu ta' sebat elef euro (€7,000) indikat fl-Art. 412C(11) u dan ghaliex

temmen li jeżistu raġunijiet speċjali u eċċezzjonali sabiex taghmel dan abbażi tal-Art. 21 tal-Kap. 9.

28. Illi r-ragunijiet speċjali u eċċezzjonali li jimmilitaw favur id-decizjoni ta' din il-Qorti li tapplika l-provvedimenti tal-Art. 21 tal-Kap. 9 jikkonsistu fil-fatt illi anke jekk l-imputat kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u tal-Ordni ta' Protezzjoni, dan huwa ghamlu fuq ix-xewqa tal-minorenni nfusha f'cirkostanzi eċċezzjonali sabiex ikun preżenti mal-omm ghat-twelid tat-tarbija taghhom, mument uniku fil-hajja ta' kwalunkwe bniedem. Kif diga' inghad iktar 'l fuq, dawn ic-cirkostanzi eċċezzjonali ma' jfissirx illi l-imputat m'huwiex hati tal-agir li wettaq. Madanakollu l-Qorti ma' tistax, fil-kuxjenza taghha, **anke tenut kont il-fatt illi ser tordna l-konfiska tal-ammont ta' sitt elef euro (ammont garantit fid-digriet tal-helsien mill-arrest) u l-arrest mill-gdid tal-imputat**, tinfliggi multa daqstant sproporzjonata (ossia' multa ta' sebat elef euro) li iżjed iva milli le tista thalli riperkussjonijiet konsiderevoli fuq il-minorenni protetta mill-Ordni tal-Qorti u anke fuq it-tarbija taghha.

**Decide**

29. **Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-ligi (Kap. 9 – Art. 17, Art. 21, Art. 412C(11), Art. 579(2) u Art. 579(3) tal-Ligijiet ta' Malta) issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u:**

- **timmultah multa ta' erbghin euro (€40),**
- **tordna li l-ammont stabbilit fid-digriet tal-helsien mill-arrest taht garanzija moghtija minn din il-Qorti diversement presjeduta tad-9 ta' Gunju 2020 (Magistrat Audrey Demicoli LL.D) - total ta' sitt elef euro (€6,000) – jigi kkonfiskat favur il-Gvern ta' Malta,**
- **tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imputat moghti taht id-digriet msemmi u tordna li l-imputat jigi arrestat mill-gdid.**

**(ft) Dr. Victor George Axiak**
**Magistrat**

**(ft) Yesenia Marie Pace**
**g/Deputat Registratur**